MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 87/2010

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Marius Ciavola u**

**More Services Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici in solidum bejniethom is-somma ta’ tmint elef u sitta u sittin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€8,066.83), rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilhom mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluz tar-rikors promotur u tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 5781/09 ipprezentata kontra taghhom fis-26 t'Ottubru, 2009, u bl-imghaxijiet legali kalkolabbli mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut Marius Ciavola fejn espona:

1. Illi t-talba attrici hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' l-esponent Marius Ciavola f'ismu proprju u dan stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta' attrici u hu qatt ma kkuntratta mas-socjeta' attrici f'ismu proprju, izda kienet minflok is-socjeta' konvenuta More Services Limited li kkuntrattat mas-socjeta' attrici, u ghaldaqstant il-merkanzija in kwistjoni ma gietx ordnata minnu personalment izda mis-socjeta' konvenuta More Services Limited;
2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-esponent Marius Ciavola ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta More Services Ltd, fejn eccepiet:

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti naqset fl-obbligi taghha, u minkejja l-isforzi tas-socjeta intimata li tippreserva l-merkanzija konsenjata lilha mis-socjeta rikorrenti, l-istess socjeta rikorrenti naqset milli tiehu l-istess merkanzija lura.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Hemm divergenza bejn il-verzjoni tal-fatti tas-socjeta attrici u dik tal-konvenuti.

*Il-Verzjoni tas-Socjeta Attrici*

1. Skont is-socjeta attrici, fit-3 ta' Settembru 2007, il-konvenut Marius Ciavola personalment iffirma kuntratt mas-socjeta attrici, li fiha intrabat li jixtri merkanzija minghandha.
2. Skont is-socjeta attrici, imkien fil-kuntratt ma jirrizulta li l-konvenut Ciavola kien qieghed jagixxi u jiffirma ghas-socjeta konvenuta More Services Ltd.
3. Is-socjeta attrici ikkonsenjat merkanzija lill-konvenut u lis-socjeta konvenuta li baqghu ma hallsux.
4. Skond klawsola 10 tal-kuntratt, il-merkanzija kienet se tigi mibjugha *"on a 'Firm Sale' basis" unless otherwise agreed in writing between the parties".* Peress li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet li l-oggetti diga mibjugha lill-konvenuti jigu ritornati lura, is-socjeta attrici irrifjutat li taccetta offerta tal-konvenut Ciavola ghan-nom tas-socjeta konvenuta li l-oggetti mibjugha lilhom u li kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta konvenuta jigu ritornati lis-socjeta attrici, u li l-prezz taghhom jitnaqqas mill-ammont dovut.

*Il-Verzjoni tal-Konvenuti*

1. Il-konvenut Ciavola kien direttur tas-socjeta More Services Ltd. li kienet tiggestixxi *stationery.*
2. More Services Ltd kienet dahlet f'kuntratt mas-socjeta attrici sabiex din tal-ahhar tissuplixxi merkanzija relatata mal-generu tal-hanut ta' stationery lil More Services Ltd. Il-konvenut Ciavola personalment ma kien involut bl-ebda mod f'dan il-kuntratt.

3. Fl-affidavit tieghu, Ciavola ma jikkontestax li s-socjeta More Services Ltd. giet supplita b'merkanzija fil-valur mitlub mis-socjeta attrici u li dan l-ammont ma thallasx.
4. Is-socjeta More Services Limited ma ghandhiex fondi biex thallas l-ammonti mitluba mis-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut Ciavola f'isem More Services Ltd. ghamel offerta lis-socjeta attrici biex tiehu l-istock li kien ghadu validu lura sabiex ma jintilifx il-bejgh tal-istess merkanzija. Pero is-socjeta attrici irrifjutat din l-offerta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti se tibda billi tikkunsidra l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ciavola u sussegwentement tikkunsidra dawk tas-socjeta konvenuta.

*L-Eccezzjonijiet tal-Konvenut Ciavola*

L-eccezzjonijiet tal-konvenut Ciavola huma bbazati fuq is-sottomissjoni li hu personalment m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, stante li l-kuntratt in kwistjoni sar bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta attrici.

Il-kuntratt mas-socjeta attrici jikkonsisti bl-ewwel faccata intitolata *"New Account – Application Form"* u l-faccata ta' wara intitolata *"Contract"* fejn hemm imnizzla l-partijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Issa huwa vera li fil-faccata ta' wara intitolata *"Contract"* hemm imnizzel li l-kuntratt qed isir bejn is-socjeta attrici u Marius Ciavola u huwa iffirmat minn Marius Ciavola.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti** deciza fl-20 t'Ottubru 2003, mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1]: *"Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor." (**Frank Cilia nomine –vs- Charles Scicluna**", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992; "**Anthony Caruana et –vs- John Magro et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."*

Pero, f'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell ghamlet ukoll is-segwenti osservazzjoni: *"Japplika ghal dan il-kaz anke din l-osservazzjoni rikapitulata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Lawrence Formosa et nomine –vs- Silvio Felice**", 6 ta' Ottubru 1999:-*

*"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero`, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju".*

Din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. Kif diga inghad, huwa vera fil-faccata ta' wara tal-ftehim intitolata *"Contract"* hemm imnizzel li l-kuntratt qed isir bejn is-socjeta attrici u Marius Ciavola u huwa iffirmat minn Marius Ciavola. Pero dan id-dokument ma jistghax jinqara in isolament, ghax fl-ewwel faccata tieghu intitolata *"New Account – Application Form"*. Fuq din il-faccata, taht l-intestatura *"company name"* hemm imnizzel "More" u taht l-intestatura *"proprietors'/Managing Directors Name"* hemm imnizzel "Marius Ciavola". Intestatura ohra tghid *"Proprietors/Managing Director's ID Card No."* u hemm imnizzel in-numru tal-karta tal-Identita ta' Marius Ciavola. Imbaghad hemm imnizzla zewg indirizzi. Skont ix-xhieda ta' Joseph Abela, il-Credit Controller tas-socjeta attrici, l-ewwel indirizz go Paceville huwa tal-hanut u t-tieni indirizz gos-Swieqi huwa ta' Marius Ciavola. Ghalhekk, m'hemmx dubbju li f'din l-application form, Marius Ciavola m'hux qieghed jidher f'ismu personali, izda ghan-nom tas-socjeta konvenuta, anke jekk l-isem taghha ma tnizzilx fl-intier tieghu. Issa fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta attrici ma kkontestax li hlief ghal firma tal-konvenut Ciavola, l-kaligrafija fuq l-application

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

form u l-kuntratt hija ta' Emma Miller, li ffirmat il-kuntratt ghan-nom tas-socjeta attrici. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp civili, li Emma Miller – ir-rapprezentanta tas-socjeta attrici – kienet konxja li l-konvenut Ciavola kien qed jiffirma l-kuntratt ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Jekk Emma Miller ma nsistietx, kif kellha taghmel f'kaz ta' kumpanija skont l-istess Application Form, li jkollha l-lista ufficcjali tad-diretturi mir-Registratur tal-Kumpanniji u risoluzzjoni tal-Board li jawtorizza lir-rapprezentant jiffirma ghan-nom tal-kumpanija, dan kien nuqqas ta' Emma Miller, u m'ghandux ibaghtieh il-konvenut Marius Ciavola.

2. L-istatements tal-invoices li ma thallsux ezebiti huma indirizzati lis-socjeta konvenuta, c/o Marius Ciavola, fl-indirizz personali tieghu. Dan juri bic-car, li s-socjeta attrici kienet taf li l-klijent taghha kienet is-socjeta konvenuta biss. Fil-fatt fuq dawn l-istatements, fejn hemm l-intestatura *"Account Name"* hemm l-isem *"More Services Ltd"*.

3. Joseph Abela, il-Credit Controller tas-socjeta attrici, b'riferenza ghal kuntratt bejn il-partijiet xehed hekk: *"Jiena nista' naqbel illi Marius Ciavola iffirma bhala l-proprjetarju tas-socjeta More Services Ltd. … … Nikkonferma li l-istatement li ga saret referenza ghalih inhareg fuq More Services Ltd c/o Mr. Marius Ciavola fl-indirizz ta' dan. Mill-ftehim ma jidhirx illi direttur tas-socjeta involuta obbliga ruhu personalment ghad-dejn tal-istess kumpanija."*

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut Marius Ciavola pprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li hu ffirma l-kuntratt mas-socjeta attrici in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta, u li s-socjeta attrici kienet konsapevoli li l-klijent taghha kienet is-socjeta konvenuta biss. Konsegwentement, l-eccezzjoni tal-konvenut Ciavola li hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici ghandha tigi milqugha.

*<u>L-Eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta</u>*

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut Ciavola, direttur tas-socjeta konvenuta, ma kkontestax li s-socjeta konvenuta giet supplita b'merkanzija fil-valur mitlub mis-socjeta attrici u li dan l-ammont ma thallasx.

L-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija fis-sens li s-socjeta attrici naqset fl-obbligi taghha, u minkejja l-isforzi tas-socjeta konvenuta li tippreserva l-merkanzija konsenjata lilha mis-socjeta attrici, l-istess socjeta attrici naqset milli tiehu l-istess merkanzija lura. Pero, klawsola 10 tal-kuntratt bejn il-kontendenti, il-merkanzija kienet se tigi mibjugha *"on a 'Firm Sale' basis" unless otherwise agreed in writing between the parties".* Peress li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet li l-oggetti diga mibjugha lis-socjeta konvenuta jigu ritornati lura, is-socjeta attrici kienet legalment gustifikata tirrifjutat li taccetta l-merkanzija lura, u tinsisti ghall-hlas tal-prezz tal-merkanzija fl-intier taghha.

Konsegwentement, din l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija infondata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Marius Ciavola, u tiddikjara li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, u
3. tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta biss, u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef u sitta u sittin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€8,066.83), bl-imghaxijiet legali kalkolabbli mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-konvenut Marius Ciavola ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta, fil-waqt li l-ispejjez l-ohra kollha, inkluzi dawk tar-rikors promotur u tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-

Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 5781/09 ipprezentata fis-26 t’Ottubru 2009, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------